19 ta' Novembru, 1952.
Imħallef :
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.
Vincenza Sammut et. *versus* Salvatore Camilleri

**Spoll — Elementi — Pussess — Reintegrazzjoni.**

*Biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll "de recenti" hemm bżonn li l-attur jipprova t-tliet elementi (a) "possedisse", (b) "spoliatum fuisse", u (c) "infra bimestre deduxisse". L-attur għandu jipprova wkoll li ġie spoljat vjolentement jew klandestinament ("vi aut clam").*

*F'materja ta' azzjoni ta' spoll ma tistax tiġi permessa ebda eċċezzjoni qabel ma jiġi reintegrat l-ispoll ("spoliatus ante omnia restituendus"); u kontra din l-azzjoni m'humiex permessi eċċezzjonijiet oħra ħlief dawk dilatorji. U l-eżami tal-Qorti għandu jkun limitat għall-fatt ta' l-ispoll u l-pussess, u mhux għall-investigazzjoni tal-pussess ta' l-ispoljat.*

*Għal din l-azzjoni l-liġi ma tirrikjedix il-prova tal-leġittimità tal-pussess turbat, u takkorda r-reintegrazzjoni anki favur il-possessur "in mala fede", u kontra l-istess proprjetarju tal-ħaġa li tagħha jkun hemm il-pretensjoni li ġie kommess l-ispoll. U hemm ir-rekwiżiti ta' l-ispoll anki meta l-ispoljat għandu s-sempliċi detenzjoni tal-ħaġa, avvolja din id-detenzjoni tkun prekarja.*

*Il-pussess meħtieġ fil-kawżi ta' spoll "de recenti" huwa l-pussess materjali u "di fatto", jew aħjar kwalunkwe pussess, ikun x'ikun; u mhux meħtieġ li l-attur jipprova li għandu dritt ta' proprjetà jew ta' servitù, jew titolu ieħor fuq il-ħaġa posseduta minnu, u li minnha jkun ġie spoljat vjolentement jew klandestinament.*

*L-ispoljat għandu dritt jinsisti li l-ħaġa tiġi rimessa fl-istat kif kienet qabel; salvi r-raġunijiet li fil-ġudizzjou petitorju jistgħu jikkompetu lill-ispoljant.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi wara li ppremettiet illi l-konvenut, fil-bidu ta' dan ix-xahar ta' Settembru 1952, arbitrarjament u non ostanti d-divjet tagħha, daħal, żergħa u poġġa sinjali f'biċċa mill-għalqa minnha, detenuta bi qbiela, imsejħa "Il-Ħabel", fit-triq "Ta' Maċina", fil-limiti taż-Żurrieq; talbet illi, wara li jiġi magħmul kull provvediment opportun u magħmula kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja, il-konvenut jiġi kundannat (1) illi jerġa' jqiegħedha għal kollox fit-tgawdija ta' qabel tal-biċċa għalqa fuq deskritta, fiż-żmien li jiġi fissat minn din a l-Qor-

ti, minħabba *l-ispolju illi* huwa kif fuq ikkommetta kontra tagħha, (2) *illi jneħħi* s-sinjali msemmijin fit-terminu msemmi, u (3) *jiġi deċiż* illi fin-nuqqas hija tiġi awtorizzata li tneħħi hija l-istess sinjali, u illi jiġi deċiż illi l-konvenut ma għandux dritt għall-frott tas-silla li, kif fuq, żergħa fl-għalqa ta' l-attriċi, u għal xi indennizz, minħabba li l-aġir tiegħu huwa "in mala fede" u jammonta għal delitt. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Awissu 1952, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' *l-eċċezzjonijiet* tal-konvenut, li biha jeċċepixxi *illi t-talba ta'* l-attriċi *hija infondata, għaliex hija ma* għandhiex il-pussess meħtieġ biex hija ssostni azzjoni ta' spoll. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni intentata mill-attriċi hija dik ta' spoll "de recenti", ġa fiż-żmien imsejjaħ privileġġjat, li għall-eżitu b'suċċess tagħha hija trid tipprova tliet rekwiżiti, li huma (a) "possedisse", (b) spoliatum fuisse", (3) u "infra bimestre deduxisse" (Vol. XXXI—I—296). L-attriċi trid ukoll tipprova li hija ġiet spoljata vjolentement jew klandestinament, "vi aut clam" (Vol. IX, 777);

Illi dwar l-ewwel rekwiżit. ġie pruvat illi l-attriċi ilha fil-pussess tal-għalqa msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni almenu minn Marzu 1951, jiġifieri minn meta miet zijuha Leonardo Grixti. Għall-finijiet ta' dan ir-rekwiżit, mhuwiex leċitu lill-konvenut illi jallega f'din il-kawża illi l-attriċi ma għandhiex il-veru pussess skond il-liġi ta' dik l-għalqa, u lanqas illi hija f'xi żmien, waqt dak il-pussess tagħha, wegħditu xi parti minnha. F'materja ta' azzjoni ta' spoll ma tista' tiġi permessa ebda *eċċezzjoni* qabel *ma jiġi reintegrat* l-ispoll, għaliex "spoliatus ante omnia restituendus" Vol. XXI—I—448; XXIII—II—83; XXXI—I—296), billi din l-azzjoni hija ta' ordni publiku, u hija intiża illi tipprojbixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh u mingħajr l-intervent tat-tribunal (Vol. XXIII —II—154). L-azzjoni ta' spoll hija privileġġjata, u kontra tagħha mhumiex ammissibili eċċezzjonijiet oħra ħlief dawk dilatorji; u l-eżami tal-Qorti għandu jkun limitat għall-fatt

ta' l-ispoll u l-pussess (Vol. XXX—II—85; XXXII—I—45), u mhux għall-investigazzjoni tan-natura tal-pussess ta' l-ispoljat; għaliex il-liġi ma tirrikjedix ħlief pussess materjali u ta' fatt (Vol. XXVIII—I—505);

Għal din l-azzjoni l-liġi ma tirrikjedix il-prova tal-leġittimità tal-pussess turbat, u takkorda r-reintegrazzjoni anki favur il-possessur "in mala fede", u kontra l-istess proprjetarju tal-ħaġa li tagħha jkun hemm il-pretensjoni illi ġie kommess spoll (Vol. XXX—I—165). It-tribunal għandu jeżamina biss il-fatt tal-pussess jew detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll. U hemm rekwiżit ta' l-ispoll anki meta l-ispoljat għandu s-sempliċi detenzjoni (Vol. XXXI—I—296); u dan ukoll jekk dina d-detenzjoni tkun prekarja, jiġifieri mingħajr kawża ġuridika (Vol. VI, 129; IX, 779; XVI—II—213; XXVIII—II—381; XXVIII—II—1341).

Il-pussess meħtieġ fil-kawżi ta' spoll "de recenti" huwa l-pussess materjali u "di fatto" (Vol. X, 55), jew aħjar ta' kwalunkwe xorta ta' pussess, ikun x'ikun (Vol. VII, 16; XXIV—I—661; XXX—I—55); u f'azzjoni simili mhuwiex meħtieġ lil min jagħmilha illi jipprova li għandu dritt ta' proprjetà jew ta' servitù, jew ta' xi titolu ieħor fuq il-ħaġa posseduta minnu, li minnha jiġi spoljat bi vjolenza jew klandestinament (Vol. XXIV—I—658). Fl-azzjoni ta' spoll, l-ispoljat hu fid-dritt li jinsisti illi l-ħaġa tiġi rimessa fl-istat kif kienet qabel, salvi r-raġunijiet li fil-ġudizzju petitorju jistgħu jirriżultaw kompetenti lill-ispoljant (Vol. X, 980);

Illi, dwar it-tieni rekwiżit, ġie pruvat illi l-konvenut fil-bidu ta' Settembru 1952, żergħa u poġġa sinjali f'biċċa mill-imsemmija għalqa, u hekk huwa ikkommetta spoll. U billi l-konvenut għamel dak kollu mingħajr il-kunsens, anzi kontra l-volontà ta' l-attriċi, l-ispoll kommess minnu għandu jiġi kunsidrat vjolent (Vol. XX—II—368; XXVIII—III—1341);

Illi, dwar it-tielet rekwiżit, jirriżulta illi ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata xi tliet ġimgħat wara illi l-konvenut żergħa u għamel is-sinjali fuq imsemmijin fl-istess għalqa, u kwindi fit-terminu li trid il-liġi għal dina l-azzjoni;

Illi b'dan il-mod jirrikorru fl-azzjoni intentata mill-attriċi t-tliet rekwiżiti li ġa ssemmew;

Ikkunsidrat:

Illi, għall-istess raġunijiet fuq imsemmija, dina l-Qorti ma tistax teżamina f'dina l-kawża l-aħħar talba ta' l-attriċi dwar il-frott tas-silla u l-indennizz fiha msemmijin; liema domanda tidher ukoll intempestiva, għaliex minn imkien ma jirriżulta illi l-konvenut ippretenda xi frott ta' silla jew xi indennizz minn għand l-attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi, fil-waqt illi tillibera lill-konvenut mill-aħħar talba, bl-ispejjeż kontra l-attriċi, tilqa' l-ewwel żewġ talbiet ta' l-istess attriċi, u għall-finijiet tagħhom tipprefiġġi lill-konvenut iż-żmien ta' ħmistax-il ġurnata; u f'każ li dan iż-żmien jgħaddi inutilment, tawtorizza lill-attriċi fit-termini msemmija fit-tieni talba tagħha. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.